# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

Seduta 16 ta' Ottubru, 2018

Att ta' Akkuża numru 7/2015

Ir-Repubblika ta' Malta

v.

Angelo Bilocca

Priscilla Cassar

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża Numru 7/2015 li biha Angelo Bilocca, detentur tal-karta tal-identita' numru 556978M u Priscilla Cassar detentrici tal-karta tal-identita' numru 60982m ġew akkużati talli :

**<u>L-EWWEL KAP</u>**

Illi fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu waqqfu persuna ta' nazzjonalita' Niġerjana li kienet għada kif waslet minn fuq titrija minn Valencia bin-numru FR7798 u dan minħabba suspetti li setgħet kienet qed iġorr id-droga. Allavolja droga materjali ma kinitx instabet fil-pussess ta' din il-persuna, minn analizi li sar mill-pulizija li marru l-ajruport tal-kontenut tat-telefon ċellulari ta' dan l-individwu suspettuz, irriżulta messaġġ b'istruzzjonijiet lil terza persuna sabiex jalloġja ġewwa l-lukanda Tropicana f'Paceville u b'hekk trawwem is-suspett li seta kien hemm persuni oħra involuti f'intrapriża lleċita.

Illi l-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga marru f'din il-lukanda fuq istruzzjonijiet tas-superjuri tagħhom fejn effettivament irriżulta li kien hemm persuna ta' nazzjonalita' Spanjola li kienet għada kif alloġjat hemmhekk. Filfatt meta l-pulizija marru fil-kamra numru 630 li kienet ġiet allokata lil din il-persuna Spanjola hemmhekk instab Jose Manuel Domingo Benito f'dawn il-proċeduri u waqt tfittxija fil-kamra in kwistjoni instabet bagalja kontenenti żewġ kompartimenti issiġillati fejn ġo fihom instabu żewġ pakketti mdaqqsin b'sustanza bajdanija suspettata d-droga kokajina apparti traċċi tal-istess sustanza fuq skrivanija fl-istess kamra. Di piu instab ukoll bott issusspettat li kien fih it-tabbakk imħallat bil-pjanta tal-kannabis. Kemm il-kokajina kif ukoll il-pjanta tal-kannabis huma drogi perikoluzi, illeċiti u pprojbiti f'pajjizna u skond il-liġijiet tagħna.

Illi in oltre irriżulta wkoll mill-informazzjoni miġbura mill-pulizija waqt din l-investigazzjoni li din is-sustanza illeċita kienet intiża għal terza persuna li filfatt ġiet interċettata mill-pulizija dakinhar stess li din id-droga ġiet skoperta fil-pussess ta' Jose Manuel Domingo Benito u li filfatt ġiet arrestata u pproċessat separatament. Din it-terza persuna irriżultat li kienet Kingsley Wilcox kontra min ittieħdu passi kriminali oħra fi proċeduri separati u minn hemmhekk il-pulizija saru jafu illi Wilcox kien ser jiltaqa ma persuna oħra, ċertu Charles Christopher Majimor ġewwa pajjizna u flimkien kellhom jagħddu l-imsemmija droga lil żewġ persuni ta' nazzjonalita' Maltija. Effettivament nhar it-tlieta ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-pulizija segwew il-passi ta' Wilcox u Majimor waqt li kienu fi triqthom biex jiltaqgħu ma dawn il-persuni fejn entrambi wassluhom għall-indirizz ta' San Niklaw Farm ġewwa Triq Lapsi fis-Siggiewi fejn jirresjedu Angelo Bilocca u Priscilla Cassar, qua l-ko-akkuzati f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fix-xhur ta' qabel din id-data, l-akkużati Angelo Bilocca u Priscilla Cassar iddeċiedew illi jibdew jmexxu u jittraffikaw fid-droga kokajina. L-akkużati kienu ftehmu ma' persuni oħra ġewwa u barra minn Malta sabiex dawn jipprovduhom bil-kokajina f'ammont konsiderevoli bil-għan li din tiġi ttraffikata mill-istess akkużati ġewwa pajjizna. Minn din l-intrapriża kollha lleċita u mit-traffikar tad-droga kokajina, l-akkużati kienu ser jiġġeneraw ammonti konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużati kellhom laqgħa ma Kingsley Wilcox u Charles Christopher Majimor bil-għan li jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex din id-droga tiġi importata fi xtutna u tiġi mgħoddija lill-akkużati sabiex dawn ikunu f'posizzjoni li jittraffikawha illegalment. Filfatt din id-droga waslet Malta nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) meta ġiet impurtata ġo Malta minn Jose Manuel Domingo Benito li wara kien miftiehem li jagħddi l-imsemmija droga lil Kingsley Wilcox. Kif diġa ġie spjegat, din d-droga għaddiet għand l-akkużati Bilocca u Cassar li xjentement kienu jafu u kienu parteċipi f'dan il-ftehim għall-finijiet tat-traffikar tad-droga msemmija. Fortunatament l-akkużati ġew arrestati in *flagrante delicto* mill-pulizija waqt l-inkontru li kellhom ma Kingsley Wilcox u Charles

Christopher Majimor fir-residenża tagħhom filwaqt li kienu qedgħin jikkontrollaw il-kwalita' tad-droga kokajina li kienet ġiet ipprovduta lilhom skond il-ftehim imsemmi. Effettivament irriżultaw ukoll diversi komunikazzjonijiet telefoniċi bejn l-akkużati Bilocca u Cassar ma' Wilcox u Majimor sal-ħin qabel ma ġiet ipprovduta' lilhom din id-droga skond il-ftehim illeċitu fiċ-ċirkostanzi kif deskritti.

Illi fortunatament l-akkużati u d-droga ġew interċettati fil-mument opportun u effettivament ftit tal-ħin qabel id-droga kokajina kienet ser tibda tiġi ttraffikata f'pajjizna b'mod illeċitu. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-boroż importati li kellhom jgħaddu għand l-akkużati f'dawn il-proċeduri, kienu effettivament jikkonsistu mid-droga kokajina fl-ammont globali ta' elf u ħamsa u tmenin punt żewġ gammi (1085.2 gramma) u ċioe ftit iktar minn kilo kokajina u li kellha l-purita' ta' ċirka sitta u tletin punt tmienja fil-mija (36.8%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u s-sustanza li nstabet għandha l-valur kumplessiv ta' madwar sitta u tmenin elf tmien mija u erbgħa u għoxrin Euro (€86,824).

Illi b'għemilhom l-imsemmija Angelo Bilocca u Priscilla Cassar saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati ta' pajjiżna bejn is-snin elfejn u disgħa (2009) u elfejn u ħdax (2011) fl-ismijiet Pulizija vs Angelo Bilocca, Pulizija vs Priscilla Cassar u Pulizija vs Priscilla Cassar et, l-imsemmija akkużati instabu ħatja ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Angelo Bilocca u Priscilla Cassar, reċidivi f'dellitti, ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

U peress illi l-imsemmi Angelo Bilocca kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ippreseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Antonio Mizzi fl-ismijiet Pulizija vs Angelo Bilocca datata s-26 ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu.

**<u>IT-TIENI u L-AĦĦAR KAP</u>**

Finalment u b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kap precedent ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet precedent għal din id-data u partikolarment fil-mument tal-arrest tal-akkużati Bilocca u Cassar mill-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga fir-residenża tagħhom, irriżulta li kemm Bilocca kif ukoll Cassar ippruvaw jaħarbu minn fuq il-post sabiex jevitaw li jiġu arrestati allavolja dawn inqabdu immedjatament mill-pulizija. Irriżulta wkoll li malli ndunat bl-irruzzjoni tal-membri tal-korp tal-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga, l-ko-akkuzata Priscilla Cassar kienet ħadet il-pakkett miftuħ li allegatament kellu d-droga ġo fiħ u ħbiet dan il-pakkett sabiex il-pulizija ma jsibux it-traċċi tiegħu. Filfatt sussegwentement dan il-pakkett li kien ġo borza bil-*foil* magħha instab mormi ġox-shaft taħt tieqa ta' din l-istess residenza fejn kienet instabet Priscilla Cassar wara li ttentat li taħrab. Kwindi b'dan il-komportament l-ko-akkuzata Priscilla Cassar kienet xjentement issoprimiet indizji tar-reat li hi u l-ko-akkużat Bilocca kienu kkomettew skond kif deskritt fil-kap preċedenti.

Illi b'għemilha l-imsemmija Priscilla Cassar saret ħatja talli xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' pajjiżna fis-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Priscilla Cassar u Pulizija vs Priscilla Cassar et, l-imsemmija akkużata instabet ħatja ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Priscilla Cassar, reċidiva f'dellitt, ħatja talli xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat, b'dana illi r-reat huwa suġġett għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tmintax-il xahar; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' mhux inqas minn erba' xhur (4) u mhux aktar minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 111(2)(a) u fl-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Rat l-eċċezzjonijiet intavolati mill-akkużata Priscilla Cassar fid-19 ta' Mejju, 2015 u jinsabu a fol 11 li huma s-segwenti:

In-nullita tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza in kwantu fil-parti narrattiva taghha gew kongetturati fatti mill-Avukat Generali sabiex tigi evitata eccezzjoni fit-termini tal-paragrafu (b) tal-proviso tas-subinciz (5) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali jew eccezzjonijiet ohra simili;
In-nullita tat-tieni kap tal-att tal-akkuza in kwantu l-fatt migjub f'dan il-kap, inkluz naturalment ir-referenza ghall-ewwel kap, ma jikkostitwixxix, fis-sustanza, r-reat kontemplat fl-artikolu 111 (2) tal-Kodici Kriminali. Qed jigi sottomess li skond id-dottrina (vide, inter alia, Carrara, Impallomeni u Mamo), dan ir-reat ma jistax jigi kommess minn min jikkommetti r-reat principali – f'dan il-kaz l-assoccjazzjoni. Il-parti narrattiva tat-tieni kap qieghed jipprospetta lill-eccipjenti bhala persuna li kkommettiet kemm ir-reat principali kif ukoll ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 111 (2);

Minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-eccezzjonijiet precedenti, l-inammissibilita tal-istqarrijiet u l-istqarrijiet guramentali ta' Charles Christopher Majimor u Kingsley Wilcox u ta' kwalsiasi evidenza – inkluz il-process verbal relattiv u l-eventwali xhieda taz-zewg persuni msemmija – fejn issir referenza ghall-*controlled delivery* peress li, fl-ewwel lok, tali operazzjoni ma giet qatt permessa jew sanzjonata mill-Magistrat Inkwerenti fir-rigward tal-eccipjenti u, fit-tieni lok, skond il-fatti kif narrati mill-Avukat Generali fiz-zewg kapi tal-att tal-akkuza, l-eccipjenti giet allegatament indotta tikkommetti reati li, minghajr l-intervent tal-Pulizija Ezekuttiva, ma kienu jigu qatt kommessi.

Rat l-eċċezzjonijiet intavolati mill-akkużat Angelo Bilocca fil-15 ta' Mejju, 2015 u jinsabu a fol 16 li huma s-segwenti:

Fl-ewwel lok permezz ta' din in-nota, l-akkuzat qieghed jindika fiz-zmien permess mil-ligi, s-segwenti eccezzjonijiet preliminari u *cioe'*;

a. Ix-xoghol kollu maghmul u r-relazzjonijiet rilevanti maghmula minn Dr. Martin Bajada LL.D. huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali fil-process penali, ossia dik tac-*chain of evidence*, giet miksura. Konsegwentement, sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li ta u li gew

moghtija mix-xhud indikat huma inammissibbli, u ghaldaqstant lanqas ix-xhud ma huwa xhud ammissibbli. Din l-eccezzjoni qieghda tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali.

b. Ix-xoghol kollu maghmul u r-relazzjoni rilevanti maghmula mill-ispizjar Mario Mifsud huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali fil-process penali, ossia dik tac-*chain of evidence*, giet miksura. Konsegwentement, sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li ta u li gew moghtija mix-xhud indikat huma inammissibbli, u ghaldaqstant lanqas ix-xhud ma huwa xhud ammissibbli. Din l-eccezzjoni qieghda tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali.

c. Illi partijiet mill-istqarrija tal-esponenti, kif ukoll partijiet mill-istqarrija tal-ko – akkuzata, ma humiex ammissibbli u dana stante li jiksru r-regola tal-*bad character evidence* u dana ghad-dannu tal-esponenti. Din l-eccezzjoni qieghda tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali.

d. Illi l-*controlled delivery* mertu ta' dawn il-proceduri hija per se *null and void* u dana stante li filwaqt li hemm awtorizzazzjoni sabiex din saret (vide dok HM u HM1, folios 116 u 117 tal-atti processwali, rispettivament) mill-Magistrat li mexxa l-In Genere relattiva (Mag. Dr. F. Depasquale), hemm nuqqasijiet sostanzjali li jrendu dan l-ezercizzju kif sehh fil-prattika null, mill-aspett legali stante li dak li trid il-ligi ma giex osservat. Ghaldaqstant, a bazi tal-principju legali *quod nullum est, nullum producit effectum*, dak kollu li rrizulta minn tali *controlled delivery* huwa inammissibbli. Din l-eccezzjoni qieghda tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali.

e. Illi l-addebitu tar-recidiva moghtija kontra l-esponenti akkuzat hija legalment zbaljata u dana tenut kont tal-fatt li l-provi kumpilati in sostenn ta' dan l-addebitu, juru proceduri penali li kienu jittrattaw vjolazzjoni ta' ligi minhabba negligenza u/jew traskuragni. Din l-eccezzjoni qieghda tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 449 (1) (b) (g) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel ser jigu analizzati l-eccezzjonijiet imqajjma minn Angelo Bilocca u wara dawk ta' Priscilla Cassar, separatment u individwalment.

ANGELO BILOCCA

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet imqajjma mill-akkuzata hi dwar ic-'chain of evidence' ta' zewg esperti u cioe' dwar Dr. Martin Bajada u l-Ispjizjar Mario Mifsud. Skont l-akkuzat f'din il-katina ta' evidenza hemm xi holoq li huma nieqsa. Dan il-fatt wahdu jirendi z-zewg xhieda hawn fuq imsemmija bhala xhieda inammissibbli. L-Avukat Generali ghandu fehma kompletament differenti u hu talk-fehma li din mhiex kwistjoni ta' inammissibilita' ta' xhieda. Illi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet huma riprodooti hawn fuq u ma hemmx il-htiega li jergghu jigu riprodotti hawnhekk. Fil-fehma ta' din il-Qorti hu car li din hi sitwazzjoni li ghandha tigi deciza waqt il-guri. Il-partijiet ser ikollhom l-opportunita' li jivverifikaw din ic-'chain of evidence' quddiem il-gurija. Il-gurija ser ikollha l-fatti kollha a dispozizzjoni taghha u l-imhallef li ser jippresjedi l-guri ser ikollu l-opportunita' li jindirizza u jidderigi l-gurija fuq dan il-punt. Ghalhekk dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-akkuzat ma jistghux jigu milqughha.

Illi t-tielet eccezzjoni tirrigwarda parti tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzata li jirrigwardaw il-punt tal-'bad character evidence'. Partikolarment l-akkuzat qed jilmenta li zewg domandi li sarulu m'ghandhomx jigu murija lill-gurati. Testwalment iz-zewg domandi u ir-risposti huma s-segwenti u dawn jinsabu fil-qiegh ta' folio 123 tal-process (formanti parti tal-istqarrija tieghu tal-4 ta' Ottubru, 2012):

"D. Nghid sew li int ipproponejt lil dawn iz-zewg Afreikani biex ittihom l-armi u jmorru jaghmlu hold-up biex jisirqu l-fniek ta' wiehed Taljan kompetitur tieghek fin-negozju tal-fniek?

R. Le, nghid li l-ahjar xoghol li ghandi huwa tal-fniek u dawk dwjjwm sibt bejgh taghhom u hadd ma jikkompetili.

D. U fuq il-garr ta' klandestini xi tghidli?

R. Ma nwegibx."

Hu car li dawn iz-zewg domandi li saru lill-akkuzat ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kumplament tal-istqarrija tieghu li tirrigwarda traffikar ta' droga. Fit-trattazzjoni orali l-Avukat Generali kien tal-fehma li dawn iz-zewg domandi m'ghandhomx jigu murija lill-gurati. Din il-Qorti hi tal-istess fehma u ghalhekk tordna li dawn iz-zewg domandi u ir-risposti relativi jigu sfilzati mill-istqarrija tal-akkuzat li eventwalment tista' tigi moghtija lill-gurati, jekk dejjem ikun il-kaz.

Illi r-raba' eccezzjoni tirrigwarda l-kwistjoni tal-'controlled delivery'. Hawnhekk ukoll, l-akkuzat qed jitob l-inammissibilita' ta' din il-prova ghaliex fil-fehma tieghu hemm nuqqasijiet sostanzjali fejn il-ligi ma gietx osservata. L-Avukat Generali ccita l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan l-artikolu hu car li l-kompitu tal-Magistrat f'kazijiet bhal dawn hu limitat li jaghti l-kunsens tieghu jew, jekk ikun il-kaz, jichad tali talba. Hu car li din il-kwistjoni hi ta' kompetenza tal-gurati wara li l-avukati jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Bhal dejjem l-imhallef li jkun qed imexxi l-guri ghandu jaghti d-direzzjoni opportuna. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tal-akkuzat ma tistax tigi milqugha.

Illi l-hames eccezzjoni tirrigwarda l-problema tar-recidiva. Din il-Qorti hi tal-fehma li tajjeb li l-akkuzat qajjem dan il-problema f'dan l-istadju. Dan il-problema jqum jekk l-akkuzat jinstab hati biss u allura l-avukati fis-sottomissjonijiet dwar il-piena jkunu jistghu jqanqlu dan il-fatt quddiem l-imhallef sedenti li jkollu jiehu decizjoni fuq dan il-punt qabel ma jghaddi ghas-sentenza. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tusurpa l-poteri tal-imhallef li ser ikun qed imexxi l-guri. Ghalhekk dwar dan il-punt din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-punt salv li dan il-punt jibqa mpregudikat ghall-akkuzat.

PRISCILLA CASSAR

Illi l-ewwel eccezzjoni li tqajmet mill-akkuzata hi n-nullita' tal-ewwel kap tal-akkuza minhabba l-fatt li l-parti narrativa fiha konjetturi li ma jsibux konfort fil-fatti. Min-naha tieghu l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-fatti li taw lok ghan-narrazzjoni tal-kaz jirrizultaw mill-provi prodotti matul il-kors tal-kumpilazzjoni. Hu risaput li l-fatti narrati ma jaghmlux prova ghaliex kwalunkwe fatt narrat ghandu jsib il-konfort tal-prova. Hu risaput ukoll li l-imhallef li ser jippresjedi dan il-guri ser jindirizza lill-gurati dwar dan il-fatt u zgur li jispjega li fl-ewwel lok il-parti narrativa mhiex prova u fit-tieni lok is-sinjuri gurati ghandhom jiddecidu fuq dan l-ewwel kap ta' akkuza ghab-bazi dwar il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u tali provi ghandhom jilhqu l-grad ta' prova rikjest mill-ligi. Din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tidhol fil-meritu tal-provi misjuba fil-process ghaliex jekk taghmel dan tkun qed tusurpa l-funzjoni u il-poteri tal-gurati li huma supremi f'dan il-kaz bhal fi kwalunkwe kaz iehor ta' din ix-xorta. Ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzata ma tistax tigi milqugha.

Illi t-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-fatt li t-tieni kap ta' akkuza ma jistax jigi kommess minn min jikkometti r-reat principali. Fl-ghar ipotezi ghall-akkuzata dan il-kap ghandu jitqies bhala

wiehed alternattiv ghall-ewwel wiehed. Ghandu jigi rilevat li d-dicitur tal-artikolu 111 tal-Kodici Kriminali ma teskludix il-fatt li min jikkometti r-reat ewlieni ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat. Jiekk wiehed jaqra l-bran ezebit mill-avukat ta' l-akkuzata fejn il-Professur Anthony Mamo jaghmel referenza ghal dan ir-reat isib illi l-awtur jikkonsidra din ic-cirkostanza bhala "...a continuatiion of his principal offence" (fol. 85 tal-volum ta' l-att ta' l-akkuza). Hawn ukoll id-direzzjoni tal-imhallef sedenti lis-sinjuri gurati tkun determinanti fuq l-aspetti legali ta' dan it-tieni kap ta' akkuza. Ghalhekk, din it-tieni eccezzjoni tal-akkuzata ma tistax tigi milqugha.

Illi t-tielet eccezzjoni hi dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet u l-istqarrijiet guramentati ta' Charles Christopher Majimor u Kingsley Wilcox u dwar il-fatt li l-controlled delivery ma gietx awtorizzata fil-konfront tal-akkuzata. Hu car li din il-Qorti, kif inghad qabel ma tidholx fil-provi. F'din ic-cirkkostanza wiehed irid jistenna l-provi li ser jigu mressqa mill-prosekuzzjoni fil-guri u imbagghad ikun il-kompitu tal-imhallef biex jindirizz il-guri 'in materja' tenut kont tal-fatti u tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. Ghalhekk, din it-tielet eccezzjoni tal-akkuzata ma tistax tigi milqugha.
Illi l-Avukat Generali qajjem il-fatt li l-akkuzata ndikat lil Angelo Bilocca bhal xhud taghha in difeza. Angelo Bilocca hu l-ko-akkuzat tal-akkuzata u skont il-ligi ma jistax jiehu l-pedana tax-xhieda jekk hu ma jiddecidix li jaghmel hekk. Ghalhekk, hu car li decizjoni f'sens jew iehor trid tittiehed waqt il-guri ghas-semplici raguni li hadd ma jaf minn issa ser tkun il-pozizzjoni ta' Angelo Bilocca matul il-kors tal-guri.

Gghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet fil-kaz ta' ANGELO BILOCCA, tichad l-ewwel, it-tieni u ir-raba' eccezzjoni mressqa minnu. Fil-kaz tat-tielet eccezzjoni tordna l-isfilz mill-istqarrija tal-akkuzat tad-domandi u tar-risposti hawn fuq imsemmija u elenkati. Fil-kaz tal-hames eccezzjoni tasjenti milli toehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni salv li din tkun tista' tigi mqanqla mill-gdid, jekk ikun il-kaz, quddiem l-imhallef li jkun qed imexxi l-guri.
Fil-kaz ta' PRISCILLA CASSAR, tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa minnha. Dwar il-punt li qajjem l-Avukat Generali dwar it-talba tal-akkuzata ghax-xhieda tal-ko-akkuzat din id-decizjoni ghandha tittiehed waqt is-smiegh tal-guri.